MINUS ONE
Il-Grupp Malti li joffri Sapport lir-Romol
https://minusone.eu
info@minusone.eu

Volum 26
Ħarġa 12
Diċembru
2023

# Attivitajiet-Diċembru2023

**It 3 ta' Diċembru 2023-**L-irtir tradizzjonali tal-Avvent ġewwa l-Kunvent tas-Sorijiet Benedittini, tal-Klawsura ġewwa l-Imdina. **Prezz-**22€-**Booking** Maureen Tarpey permezz ta' Revolut fuq 79895387.Għidulna x'se tieklu mal booking. **Menu–** Te/kafe u Pudina tajba kif naslu. Għal ħabta ta' Nofsinhar ikla tal-kunvent– Soppa jew għaġin il-forn. Tiġieġ jew laħam. Trifle u drink. Se jkollna quddiessa ma' Fr Saviour. Wara l-ikel se jkollna wkoll messaġġ minn

**Is-Sibt, 16 ta' Diċembru 2023–** Il-party tal Milied ġewwa l-Qawra palace. Ħin-20.00

Se jkollna għażla ta' finger food u 4 siegħat open bar (spirti mhux inklużi)

**Prezz-**Membri 30€-Mhux membri 35€. Il-kumitat se jissussidja 5€ lil kull membru. Se nħallsu wkoll għad-DJ u ħallasna l-kapparra.

**Booking** Maureen Tarpey permezz ta' Revolut fuq 79895387

**Oriġini u żvilupp**

Xi kultant naħseb li dan santa Klaws, addirittura ħa post il-Bambin Ġesu fid-djar tagħna. Jew inkella issib (fejn issib!) statwa tal-Bambin Ġesu u bosta Santa Klaws jiċċaqalqu b'modi differenti. Anke l-mara tieggu u l-familji jkantaw saru popolari ferm. Il-Villaġġ tal-Milied daħal sewwa fit-tradizzjoni wkoll, It-tren idur, il-merry go round u t-tfal jilagħbu popolari wkoll.

Il-komunità Nisranija tal-bidu ddistingwiet bejn l-identifikazzjoni tad-data tat-twelid ta' Ġesù u ċ-ċelebrazzjoni liturġika ta' dik il-ġrajja. L-osservanza attwali tal-jum tat-twelid ta' Ġesù kienet ilha ġejja. B'mod partikolari, matul l-ewwel żewġ sekli tal-Kristjaneżmu kien hemm oppożizzjoni qawwija għar-rikonoxximent ta' għeluq snin il-martri jew, għal dik il-kwistjoni, ta' Ġesù. Bosta Missirijiet tal-Knisja offrew kummenti sarkastiċi dwar id-drawwa pagana li jiċċelebraw għeluq is-snin meta, fil-fatt, il-qaddisin u l-martri għandhom jiġu onorati fil-jiem tal-martirju tagħhom—il-veru "għeluq sninhom," mill-perspettiva tal-knisja.

*Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu*



# Il-Milied it-tajjeb

**Ħbieb**, xi kultant nistaqsi lili nnifsi bosta domandi fosthom 'Imma l-grupp tagħna għadu rilevanti'? 'Is-support li għalih ġie mwaqqaf il-grupp għadna nagħtu kasu'? ' 'Worth it il-ħin li nagħti għall-grupp'? 'Meta nispiċċa jien, x'ser jiġri'? Ftit minn dawn id-domandi staqsejthom ukoll waqt laqgħa li kellna f'Ottubru li għadda.

Nistqarr magħkom li għall dawn id-domandi m'għandix risposta definittiva. Dalwaqt nibdew naħsbu għal Laqgħa Ġenerali Annwali li jmiss u għalhekk dalwaqt ikollna kumitat ġdid. Ma nafx min se jikkontesta u min se jitfa ismu sabiex jgħin fit-tmexija tal-grupp. Ma jidhirx li hemm ħafna li lesti jidħlu għal din il-biċċa xogħol. L-istatut jgħid li sa 5 membri fil-kumitat, nistgħu immexxu. Jekk inkunu anqas ikollna nagħmlu dak li ma rridux fejn jiskatta dak li hemm miktub fl-istatut. Bosta membri huma kuntenti li jiġu għal xi attività meta tkun toġobhom u daqshekk. Jekk dak li jkollna ppreparat għal ġimgħa ma joġobnix, allura ma niġix. Jiena qatt ma nkwetajt fuq kemm inkunu nies għal-laqgħa. Lanqas ninkwieta fuq min isemmi s-sapport biss meta jkollu bżonn xi ħaġa hu. Il-bqija ma jinteressanix.

Dejjem emmint li dak li ma joġobx lili jista joġġħob lil ħaddieħor u għalhekk ħadd ma għandu jippretendi li se nagħmel dejjem dak li joġġħob lilu biss. Jiena nisma lil kulħadd imma niddeċiedi jien x'għandu jsir. Dak li naħseb li mhux addattat għal grupp tagħna diment li għadni mmexxi jien ma jsirx żgur. Wara kollox, aħna m'aħnix grupp tal-ikliet, kant u żfin biss. Dawn importanti ħafna, imma mhux kollox. Aħna rridu nieħdu ħsieb speċjalment lil dawk il-membri l-ġodda. Kollha kemm aħna nafu kemm huwa żmien diffiċli l-bidu. Dejjem żmien diffiċli aħseb u ara l-bidu. Minn irid jiżfen u jkanta biss jista jinkiteb għal Għanja tal-Poplu jew Mużika Mużika, u hemmhekk jiżfen u jkanta kemm irid.

Jiena dejjem nippriedka fuq li hu mpossibbli li b'dak li tagħmel se toġġħob lil kulħadd. Ma jistax ikun. Lanqas ħa noqod ninkwieta fuq xi kumment li nisma minn wara l-kwinti. Però hawn min jinkwieta b'dawn l-affarijiet. Dejjem emmint u apprezzajt lil dawk li jkunu diretti u li ma jinqdew b'ħadd sabiex iwasslu messaġġ. Ninsab ċert li l-maġġoranza l-kbira tal-membri l-grupp tagħna jħobbuh tassew. Nixtieq li aktar nies jersqu l-quddiem sabiex ikunu huma li jmexxu l-grupp. Ma jidhirx li hemm ħafna membri li lesti li jgħinu. M'inix pessimist imma jiena persuna realistika. Meta nitlob l-għajnuna jkun ftit jew ħadd ma jersaq il-quddiem. Ma nixtieqx li l-grupp jersaq lejn mewta naturali. Hawn diġà min qed jaħseb li hekk se jiġri. Il-gruppi għadhom rilevanti? Il-gruppi għad għandhom post fis-soċjeta tal-lum? Il-grupp tagħna għadu mportanti?

*Ikompli f'paġna 3*

Naf li huma bosta l-membri tagħna li jmorru fi gruppi oħra. Din lili ma jdejjaqni xejn. Kulħadd għandu d-dritt li jmur fejn irid. Jiena ma jiena ħadd biex ngħid lil ħaddieħor x'għandu jagħmel. Għalija l-importanti huwa li meta tkunu fi gruppi oħra, tieħdu pjaċir u tkabbru l-ħbiberija tagħkom. Isimgħhu minni u wessgħu kemm tistgħu iċ-ċirku ta' ħbieb tagħkom. Tingħalqux f'ċirku żgħir għax jekk jinkiser dak iċ-ċirku tweġġgħu aktar. Naf x'qiegħed ngħid għax smajt ħafna fuq il-ħbieb jew it-taparsi ħbieb.

Xtaqt li l-kitba ta' dan ix-xahar tkun fuq is-sbuħija ta' dan iż-żmien. Xtaqt li l-kitba tal-lum tkun fuq Betlehem u fuq il-Bambin. Ma rnexxilix nikteb kważi xejn fuq din il-ġrajja. Forsi għax fl-opinjoni tiegħi u ta' ħafna nies, dan huwa l-aktar żmien diffiċli tas-sena għal min hu waħdu meta li jkun waħdu ma tkunx għażla tiegħu. Dan huwa x-xahar tal-Milied. Bla dubju żmien diffiċli ħafna għalina r-romol. Irridu nżommu f'moħħna li l-karattru mhux ta' kulħadd l-istess. Mhux kulħadd jieħu l-istess żmien biex jibda jagħmel passi żgħar il-quddiem.

**Il-parties, l-ikliet u d-dwal huma mportantissimi f'dan iż-żmien, huwa aktar importanti li ħadd ma jħossu waħdu. Kuraġġ ħbieb.**

## Victor

---

**Ftit tagħrif fuq il-ġurnata tal-Milied**

**Il-Milied**, festa Nisranija li tiċċelebra t-twelid ta' Ġesù. It-terminu Ingliż *Christmas* ("quddiesa f'jum Kristu") huwa ta' oriġini reċenti. It-terminu preċedenti *Yule* seta' ġie mill-jōl Ġermaniku jew *mill-geōl Anglo-Sassonu* , li rrefera għall-festa tas-solstizju tax-xitwa. It-termini f'lingwi oħra—*Navidad bl-Ispanjol,* Natale bit-Taljan*,* Noël bil-Franċiż. Dawn kollha probabbilment jindikaw in-natività. Il-kelma Ġermaniża *Weihnachten* tindika "lejl imqanqal." Sa mill-bidu tas-seklu 20, il-Milied kien ukoll festa tal-familja sekulari, osservata kemm mill-Insara kif ukoll minn dawk li mhumiex. Illum hija nieqsa minn elementi Nsara, u mmarkata minn skambju dejjem aktar elaborat ta' rigali. F'din iċ-ċelebrazzjoni sekulari tal-Milied, figura mitika jisimha Santa Klaws għandha r-rwol kruċjali.

*Ikompli fl'aħħar paġna*